MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 169/2011

**A B**
**Vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

Illi din hija kawza ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg ta’ l-attrici minn ma zewgha C B.

1. Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fit-tlettax (13) ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija u sebgha u tmenin (1987), fir-Registru taz-Zwigijiet ta’ Malta u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok A.

2. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-konvenuti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

3. Illi l-partijiet eskludew pozittivament iz-zwieg innifsu jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

4. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa kull dikjarazzjoni necessarja u moghtjia l-provvedimenti opportuni :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena 1987, huwa null u minghajr effett legali ai termini ta' l-artikolu 19 subartikolu 1 paragrafi (d) u (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kap 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. L-esponenti jaqbel illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett pero' ghal ragunijiet esklussivament imputabbli lill-attrici;
2. Fir-rigward tal-kunsens tal-konvenut u li dan hu ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet

essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg, l-esponenti jissottometti illi dan in-nuqqas hu attribwibbli lill-attrici;

3. Fir-rigward ta’ l-allegazzjonijiet illi l-partijiet eskludew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, l-esponenti jghid illi dan in-nuqqas hu attribwibbli lill-attrici;

4. Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti ma jopponix ruhu ghat-talba ta’ l-attrici izda huwa ma ghandux ibaghti l-ispejjez gudizzjarji;

5. Salv risposta ultejuri jekk ikun il-kaz;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tixhed. Hija qalet illi izzewget fit-13 ta’ Settembru 1987, wara sena u seba xhur gherusija. Hija xehdet illi matul l-gherusija kienu jiltaqghu biss darba fil-gimgha peress illi missierha ma kienx ihalliha tiltaqa mal-konvenut. L-attrici xehdet illi hija kellha il-problemi id-dar peress illi missierha kien attakkaha sesswalment u dan sa minn meta kellha biss tlettax-il sena, sa l-eta ta’ sittax-il sena, u ta’ dan kollu hemm xhieda ta’ Fr Louis Camilleri. Hija kompliet tghid illi kienet kostretta tizzewweg persuna tnejn u ghoxrin (22) sena ikbar minnha u dan sabiex titlaq mill-infern illi kellha id-dar. Hija xehdet illi la kellhom tieg, la kellha libsa tat-tieg u lanqas marru honeymoon u li kien zewwighom Fr Louis Camilleri. L-attrici xehdet illi l-konvenut ma riedx tfal, izda hi ma kienitx sinciera mieghu, qaltlu li kienet qeghda tiehu l-pill mentri ma kienitx u b’hekk harget tqila. Meta kellha it-tielet wild fl-1998 inqalghu hafna problemi ghaliex il-

konvenut ma riedx aktar tfal u kellha tmur twelled lil din it-tarbija Ghawdex. L-attrici kompliet tixhed illi zewgha ma kienx bniedem responsabbli, ma kienet issibu ghal xejn, ma tantx kien ikollhom x'jaqsmu bejniethom u kellha taghmel taghmel operazzjoni sabiex ma jkunx jista jkollha aktar tfal. L-attrici kompliet tixhed dwar is-sitwazzjoni li kellha id-dar taghha qabel ma izzewget, u qalet illi missierha kien issawwatha hafna, darba kien kissirla saqajha, kien jorbotha fil-bir peress illi kien ikun irid ikollu x'jaqsam maghha u hija ma kienitx tkun trid. Dak iz-zmien ommha kienet marida u ghalhekk hi ma kienitx tghidilha. Kienet tahdem u missierha kien jiehdilha il-flus kollha. Kien ghalhekk illi izzewget biex tehles mid-dar u lill-konvenut ma kienitx thobbu. L-attrici xehdet illi dakinhar tat-tieg kellha tahrab mid-dar ta' missierha u ma urietx lil missierha li kienet ser tizzewweg. Wara iz-zwieg, hi u il-konvenut marru jghixu mal-familja tal-konvenut, izda wara sentejn, kellha titlaq mid-dar ghaliex kellha xi tghid ma hut il-konvenut fuq xi wirt. Hija xehdet illi hi u zewgha ma kienux baqghu lejali lejn xulxin. Il-konvenut ma tahiex attenzjoni u hi qatt ma kienet habbitu. L-attrici xehdet illi lil bintha iz-zghira taraha biss saghtejn fil-gimgha ghaliex fuq din it-tifla inharget care order.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-konvenut u qal illi l-attrici ma kienitx qaltlu dwar dan is-swat qabel iz-zwieg, izda kienet qaltlu biss wara. Kienet qaltlu li missierha kien iddendilha gol-bir u issawwatha u qal illi li kieku kien jaf b'dawn il-problemi kollha minn qabel zgur illi ma kienx jizzewweg lill-attrici. Il-konvenut xehed ukoll illi apparti it-tifla iz-zghira, l-attrici ma kienitx tibghat lit-tifla l-ohra l-iskola u ghalhekk haduhielha. Huwa qal illi l-attrici kienet rikoverata Monte Carmeli u t-tabib kien qallu illi jekk ikollha tarbija ohra forsi jghaddilha.

Illi l-konvenut xehed illi huwa ma riedx ikollu aktar minn zewgt itfal u ghalhekk qatt ma ried illi jkollu it-tifla iz-zghira. Huwa qal illi t-tifla z-zghira hija l-istitut, hija imdejqa hafna u ippruvat diversi drabi tahrab minn hemm

hekk, izda hu ma jistax izzommha mieghu peress illi jghix f'zewgt ikmamar.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici qed tibbaza t-talba ghal dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg fuq l-Artikolu 19(1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar l-artikolu 19(1)(d), l-attrici qeghda tippremetti illi il-kunsens tal-konvenut kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm xi anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijet li iwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Illi sabiex jigi jigi ippruvat nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm inkapacita psikika, jew kostituzzjonali li dak li jkun jaghraf u jirrifletti, jew jiddeciedi liberalment fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali

Illi n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju huwa kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti ghar-rabta taz-zwieg, bl-obbligazzjijiet kollha illi iggib mieghu.

Illi irid jirrizulta illi fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, parti jew ohra kienet nieqsa b'mod sostanzjali, minn dik il-fakolta kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita affettiva li hija presupposta ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.  Inoltre, il-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li taghtih tkun konxja tal-obbligi, d-dmijirijet u r-responsabbilitajiet li iggib maghha l-hajja mizzewga bhalma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli.

Illi l-Kapitolu 255 ma jiddefinix x'inhuma l-obbligi essenzjali taz-zwieg, izda skond gurisprudenza kostanti dawn huma is-segwenti :

L-obbigazzjoni ghall-att taz-zwieg bhala unjoni bejn il-mizzewgin u bazi ghall-prokreazzjoni, l-obbligazzjoni ghall-komunita tal-hajja u imhabba bhala espressjoni tal-unjoni bejn mara u ragel, il-‘mutual well-being’ li jinkludi wkoll illi tircievi u teduka l-ulied, u l-obbligazzjoni li tircievi u trabbi u teduka l-ulied fl-ambjent ta’ komunita ta’ zwieg.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta car mill-provi illi l-attrici ma rieditx tizzewweg, ma kienitx thobb lill-konvenut u izzewgitu biss sabiex tahrab mis-sitwazzjoni xejn felici illi kellha fid-dar taghha u dana principalment peress illi missierha kien jabbuza minnha, kemm fizikament u kif ukoll sesswalment.

Illi irrizulta wkoll illi minkejja il-fatt illi l-partijiet ghandhom tlett itfal, il-konvenut eskluda illi ikollu t-tfal, u sabiex kellha t-tfal l-attrici kellha tingannah billi tghidlu li qeghda fuq il-pill, u apparti minn dan kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut ma kienux kapaci jiehdu hsieb lill-uliedhom, tant illi wahda minnhom qeghda l-istitut u tifla ohra kienet ittiehditilhom peress illi skond il-konvenut, l-attrici ma kienitx tibghatha l-iskola.  Illi dan il-fatt l-attrici ma cahditux.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, kif ukoll fuq id-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, izda ma ratx illi gie ippruvat illi kien hemm xi anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li iwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Ikkunsidrat :

Illi t-tieni kawzali hija dik ikkontemplata mill-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 u cioe’ is-simulazzjoni.

Illi l-interpretazzjoni moghtija lil dan is-subinciz fil-gurisprudenza nostrana hija fis-sens illi l-eskluzjoni pozittiva ma ghandhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament, izda tista tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u

wara li jkun inkiseb il-kunsens ghaz-zwieg. (Vide sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Nicolai Balzan vs Simone Cremona fid-9 ta' Marzu 2000 fost sentenzi ohrajn).

Illi ghal dak illi jirrigwarda simulazzjoni totali l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, sabiex tirrizulta is-simulazzjoni totali irid jigi ippruvat illi il-'finis operis' taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra.

Illi ghal dak illi jirrigwarda is-simulazzjoni parzjali u cioe l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, hija wkoll gurisprudenza kostanti illi  l-element essenzjali taz-zwieg huma dawk jikkonsistu fil-komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg u id-dritt ghal fedelta u d-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied.

Illi fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet  Galea vs Walshi deciza fit-30 ta' Marzu 1995, il-Qorti qalet  illi li jkun hemm eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jirrizulta meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern illi jkun inghata.

Illi min esternament ikun wera li qed jagħti l-kunsens  izda internament u b'att pozittiv tal-volonta tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula il-kunsens tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi mill-provi prodotti, il-Qorti hija sodisfatta pjenament illi l-kunsens tal-attrici kien simulat peress illi kif ammettiet hi stess hija izzewget mhux ghaliex kienet thobb il-konvenut, ghaliex certament ma rieditx tizzewgu, izda sabiex tehles mis-sitwazzjoni terribli illi kellha id-dar.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-konvenut, huwa xehed illi meta izzewweg lanqas biss kellhom fejn joqghodu tant illi kellhom imorru mal-genituri tieghu, ma ghamlu l-ebda preparamenti ghat-tieg u ma ikkontradixxiex ix-xhieda tal-mara tieghu fis-sens illi ma kienet issibu ghalxejn u li kien

irrisponsabbli u lanqas ma cahad illi kellu relazzjonijiet adulteri ma haddiehor kif xehdet l-attrici.

Illi ghalhekk il-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kunsens kemm tal-attrici, kif ukoll tal-konvenut, huwa null peress illi huma eskludew posittivament iz-zwieg innifsu.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-13 ta' Settembru tas-sena 1987 huwa null u minghajr effett legali ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi l-kunsens tal-partijiet huwa null u bla effett, peress illi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga u kif ukoll peress illi l-partijiet eskludew posittivament iz-zwieg innifsu.  Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ghandhom jithallsu miz-zewg partijiet fi kwoti ugwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------